**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Sfida Numru 3/2023**

**Anna Vassallo**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Illum 29 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tar-rikorrenti sfidanta l-appellanti **Anna Vassallo** ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2021 fejn talbet is-segwenti:

*"Għaldaqstant, peress li ma ttieħdux l-ebda passi u għadda żmien konsiderevoli l-esponenti waqt li tikkonferma bil-ġurament dawn il-fatti u tagħti dawk il-garanziji li tobbligaha l-Qorti fosthom illi tixhed fil-proċeduri titlob illi din l-Onorabbli Qorti bil-poteri mogħtija lilha skont l-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali tordna li jinbdew il-proċeduri kriminali kontra Dr. Mario Spiteri u Dr. Joseph Vassallo fl-iqsar żmien*

*possibbli peress li altrimenti jista' jgħaddi t-terminu tal-preskrizzjoni u l-azzjoni tintemm mingħajr ma tkun saret ġustizzja."*

Rat il-provvediment mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2022 fejn ċaħdet ir-Rikors tar-rikorrenti u ddikjarat li ma kienx hemm *prima facie* lok għall-kwerela mertu tal-każ fil-konfront ta' Dr. Joseph Vassallo u Dr. Mario Spiteri.

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti sfidanta l-appellanti Anna Vassallo ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2022 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tilqa' t-talba tar-Rikors Ġuramentat u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jieħu passi kriminali kif mitlub."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm u dana b'żieda ma' dak li kien diġa' ġie sottomess quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu provvediment wara r-Rikors ta' Anna Vassallo li permezz tiegħu qegħda tappella, skont ma jipprovdi Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn it-talba tagħha kienet ġiet miċħuda.

Illi fl-aggravju mressaq mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha hija ssostni li l-proċedura ta' sfida tinbena fuq li jkun hemm każ li mad-daqqa t'għajn toħroġ il-possibbilita' ta' ħtija. Tisħaq li l-Ewwel Qorti daħlet fuq valutazzjoni tal-provi daqs li kieku kienet qed tagħmel ġudizzju wara proċess u saħansitra qajmet eċċezzjoni

ta' *ne bis in idem* li ssostni mhumiex fil-qasam tal-isfida. Tgħid li l-Ewwel Qorti spiċċat daħlet f'argumenti konvoluti u spiċċat daħlet f'kontradizzjonijiet.

Illi dwar il-każ kontra Dr. Joseph Vassallo, l-appellanti tisħaq li hija qatt ma kellmet lil ħuha (Dr. Joseph Vassallo) fuq is-suġġett li implika hu, *ossia* l-abort. Tistaqsi b'liema animu jagħmel affidavit kontra tagħha u jgħaddih lil żewġha meta dawn kellhom problemi matrimonjali. Targumenta li l-affidavit in kwistjoni sar biex jgħid li hija kellha bżonn abort. Tistaqsi x'kienet l-interpretazzjoni li ta Dr. Mario Spiteri (l-eks żewġha) lill-istess affidavit: li kien qed jasserixxi li sar abort jew forsi fehem kemm Dr. Joseph Vassallo jirrispetta lilha? Tistaqsi jekk l-Ewwel Qorti hijiex konxja li l-fatti juruk waħidhom (*res ipsa loquitur*). L-appellanti ssostni li l-apprezzament tal-Ewwel Qorti kien wieħed manifestament żbaljat.

Illi dwar il-każ kontra Dr. Mario Spiteri, l-appellanti tisħaq li hija kontradizzjoni li l-Ewwel Qorti l-ewwel tgħid li m'hemmx traskrizzjonijiet ta' xhieda mbagħad fl-istess nifs tgħid li l-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud niżżel il-kliem *di proprio pugno* u kliem li jaqbel perfettament ma' dak li qalet. Tistaqsi: *"Il-Maġistrat x'għamel? Ordna li l-esponenti tiġi nvestigata, u fil-fatt ġiet investigata?"*. Tgħid ukoll: *"Kemm il-Maġistrat u kemm l-iSpettur fehmu li ma kienx qed jiġi allegat "omiċidju" imma tmiem ta' ħajja ta' tarbija bl-abort!"*. Tistaqsi x'ried ifisser Dr. Mario Spiteri meta qal li hi "toqtol it-trabi". Tistaqsi wkoll għalfejn Dr. Spiteri jirreferi għall-affidavit ta' ħuha (Dr. Joseph Vassallo) li ġie kkonsenjat lilu. Tgħid li min jagħmel allegazzjonijiet kontra ħaddieħor mhux penalment eżenti għax ikun qalu ħaddieħor u tistaqsi li jekk wieħed jikkwota b'approvazjoni dak li jgħid ħaddieħor, dan ma jfissirx li jkun qed jagħmlu tiegħu?

Illi dwar l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* sollevata mill-Ewwel Qorti, l-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata dwar dan. Tisħaq: *"Din hija żbaljata legalment. Quddiem il-Maġistrat Mifsud l-akkuża kienet ta' malafama. Kontravenzjoni li ġie liberat minnha Dr. Mario Spiteri. Fuq kontravenzjoni l-anqas tista' biss*

*tagħmel challenge. Il-malafama kienet qabel "storikament" fiż-żmien. Laħqet ħarġet iċ-ċitazzjoni, ġiet appuntata għas-smiegħ u bdiet tinstema' l-ġrajja. Kollox qabel tela' jixhed Mario Spiteri."*

Illi l-appellanti tisħaq li meta wieħed jorbot ix-xena kollha flimkien ikollu aktar minn *prima facie*. Tisħaq li Dr. Joseph Vassallo għamel l-affidavits biex jintużaw f'Malta, barra li wieħed sar Malta, u li għaddiehom lil Dr. Mario Spiteri b'kawża quddiem il-Qorti tal-Familja. Tisħaq li Dr. Mario Spiteri eżebihom fil-Qorti tal-Familja biex jiftehmu li hi kellha bżonn tagħmel abort, ħaġa li hija tiċħad. Issostni li meta xehed Dr. Mario Spiteri kulħadd fehem li kien qed jitkellem fuq l-abort, għajr għall-Ewwel Qorti li tat is-sentenza li minnha sar dan l-appell.

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 541(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li taħtu tressaq ir-Rikors Maħluf tas-16 ta' Settembru 2021 minn Anna Vassallo jipprovdi s-segwenti:

> "Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk:
>
> [...]."

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fis-16 ta' Diċembru

2015 fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs. Kummissarju tal-Pulizija** fejn din il-Qorti diversament preseduta saħqet is-segwenti:

> "Issa l-proċedura hekk imsejħa *"tac-challenge"* kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kodiċi Kriminali hi, f'ċertu sens, proċedura straordinarja. *"Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment waħda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa ex officio fil-każijiet kollha ħlief f'dawk il-każijiet fejn hi meħtieġa l-kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-każijiet fejn il-liġi espressament tħalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-proċedura taċ-challenge – li ma tapplikax għal kontravvenzjonijiet jew għal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-parti privata – trid għalhekk tiġi applikata b'mod rigoruż għal dawk il-każijiet biss li trid il-liġi u fit-termini li trid il-liġi.*
>
> *L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jagħmilha ċara li huwa biss f'dawk il-każijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu konċess li jkun hemm l-intervent ġudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Eżekuttiva ma tkunx trid taġixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti speċifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li d-denunzjant jew minn jagħmel ir-rapport jew il-kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Maġistrat skont l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruħu mad-diversi rekwiżiti proċedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Dan ir-reat ma hemmx għalfejn jiġi speċifikat bl-isem tekniku tiegħu; huwa biżżejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirriżulta car liema reat qed jiġi denunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tiegħu il-kwerelant jitlob li jittieħdu passi.*[1]"

Illi riferenza sejra ssir ukoll għal provvediment ieħor mogħti riċentement fis-26 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Carmelo Turu Spiteri**

[1] "**Joseph Gaffarena vs. Kummissarju tal-Pulizija** – Qorti Kriminali – 03/11/2003."

**vs. Commissioner of Police** (Sfida Numru 2/2023/3) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "That, as was stated in the judgment delivered by the Court of Magistrates on the 22nd. February 2016, in the names of **Anthony Camilleri v. Kummissarju tal-Pulizija** –
>
> > **"L-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-Qorti tal-Maġistrati twettaq forma ta' "judicial review" fuq l-operat tal-Pulizija meta, fil-każijiet kongruwi, ma tipproċedix bil-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali minkejja n-*notitia criminis* magħmula lilha ... Il-livell ta' sodisfaċiment u suffiċjenza provdut mil-Liġi stess lill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ huwa li *prima facie* jkun hemm bażi għall-prosegwiment tal-azzjoni penali. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ssib li hemm *prima facie* lok li tinbeda l-azzjoni penali kontra l-persuna inkriminanda allura tordna lill-Pulizija sabiex jipproċedu b'din l-azzjoni... Jiġifieri wieħed mill-eżamijiet li trid tagħmel dil-Qorti, (jekk mhux ukoll it-test prinċipali f'din il-proċedura) huwa li tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċizjoni tagħha ta' inerzja konsegwenti n-*notitia criminis* fuq raġunijiet ġustifikati jew le. Dan l-eżami ta' sindakar da parti tal-Qorti jeħtieġ li almenu jiġu sindikati l-elementi fil-pussess tal-Pulizija li fuqhom tkun ibbażat id-deċiżjoni jekk tistitwix l-azzjoni penali o meno u tara jekk sal-grad *prima facie* din id-deċiżjoni kienetx ġustifikata jew le." (emphasis by this Court)"**

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenzi hawn fuq iċċitati u tapplikahom għal każ li dwaru qed tingħata din id-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-artikoli tal-liġi msemmija mir-rikorrenti fir-Rikors Maħluf tagħha huma s-segwenti: Artikoli 101, 105, 106(3) u 110 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar il-każ kontra Dr. Joseph Vassallo, din il-Qorti tinnota li ma tara xejn ħażin fil-fatt li Dr. Joseph Vassallo għadda affidavit lil eks raġel tal-appellanti u dana minkejja li l-appellanti u żewġha kellhom problemi matrimonjali. Persuna li tkun għaddejja proċeduri l-Qorti għandha d-dritt li tressaq lil min trid bħala xhud tagħha. Għal kull buon fini jingħad li in kontro-eżami l-appellanti kkonfermat li ħuha Dr. Joseph Vassallo qatt ma xehed li hi kienet għamlet abort. Hija qalet li hu qatt ma qal dawn il-kliem bil-fomm b'dan illi ssostni li bl-affidavit tiegħu huwa ta indikazzjoni ta' allegazzjoni serja li hi kienet għamlet l-abort. Għal kull buon fini jingħad li l-appellanti ma ċaħditx li setgħet għamlet kuntatt ma' ħuha u li kellha konverżazzjoni miegħu.

Illi minn qari ta' dan l-affidavit din il-Qorti tinnota li minn imkien fih ma jirriżulta li l-appellanti għamlet abort. Anqas ma jirriżulta li wieħed seta' jifhem li sar abort da parte tagħha. Anzi, minn qari tal-affidavit in kwistjoni wieħed sempliċement jaqra dak li hemm miktub mingħajr ma jasal għal ebda konklużjoni dwar jekk l-appellanti wettqitx abort jew le. Wieħed lanqas biss jifhem li hi setgħet għamlet abort. B'hekk ma jagħmilx sens dak li qalet l-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha meta staqsiet jekk l-Ewwel Qorti kinitx konxja dwar il-fatt li l-fatti juruk waħidhom (*res ipsa loquitur*). Apparti minn dan, da parte tagħha l-appellanti qatt ma ċaħdet il-kontenut sħiħ tal-affidavit ta' Dr. Joseph Vassallo b'tali mod li tali dokument seta' jiġi kkunsidrat bħala wieħed falz. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-aggravju tal-appellanti fejn jikkonċerna Dr. Joseph Vassallo.

Illi dwar il-każ kontra Dr. Mario Spiteri jirriżulta li l-isfida tal-appellanti kienet prinċipalment attribwita minħabba li hija spiċċat investigata in segwitu ta' dak li ddepona żewġha Dr. Mario Spiteri quddiem il-Qorti. Din il-Qorti tinnota li fi tmiem il-proċeduri

kontra Dr. Mario Spiteri, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet talba lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-appellanti tiġi nvestigata f'każ illi kien hemm abort jew le. Minkejja li l-appellanti tisħaq li Dr. Mario Spiteri xehed li hi *"qatlet it-trabi"*, pero' tali dikjarazzjoni ma tirriżulta minn imkien. Mill-iter proċesswali jirriżulta li l-Kummissarju tal-Pulizija ġie mitlub mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex l-appellanti tiġi investigata a bażi tad-dokument ta' Dr. Joseph Vassallo li Dr. Mario Spiteri eżebixxa. Din il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-Ewwel Qorti meta fid-deċiżjoni appellata hija qalet li fl-affidavit tal-istess Dr. Mario Spiteri li ġie preżentat fl-atti tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja minn imkien ma jirriżulta li Dr. Spiteri xehed il-falz u dana minħabba li hu jirreferi biss għal dak li qal ħu l-appellanti, ċioè Dr. Joseph Vassallo. Fl-ebda mument ma jikkonkludi li l-eks mara tiegħu kkommettiet abort. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-aggravju tal-appellanti fejn jikkonċerna Dr. Mario Spiteri.

Illi dwar l-eċċezzjoni ta' *ne bis idem* sollevata mill-Ewwel Qorti u li l-appellanti tagħmel riferenza għaliha fir-Rikors tal-appell tagħha, din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li anke kieku l-Ewwel Qorti ma qalet xejn dwar in-*ne bis in idem* ma jirriżultax li hija kienet ser tasal għal konklużjoni diversa minn dik eventwalment milħuqa minnha u ċioè dik li tiċħad it-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors Maħluf tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi meħud kont tal-atti proċesswali kollha u meħud in konsiderazzjoni wkoll ta' dak li ngħad hawn fuq f'dan il-provvediment jirriżulta li l-appellanti ma kinitx korretta meta fir-Rikors tal-appell tagħha saħqet li meta wieħed jorbot ix-xena kollha flimkien ikollu aktar minn *prima facie*. Jerġa' jiġi ripetut li fl-atti proċesswali minn imkien ma' jirriżulta li Dr. Joseph Vassallo u/jew Dr. Mario Spiteri qalu li l-appellanti wettqet abort, ħaġa li *del resto* hija tiċħad b'mod kategoriku.

Illi in vista ta' dak kollu ritenut hawn fuq, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni 'il għala għandha titbiegħed mir-raġunament milħuq mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ma tistax talloka l-grad ta' *prima facie* għal dak illi huwa possibbli jew suspettuż. B'hekk isegwi li r-Rikors tal-appell tal-appellanti ser jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mir-rikorrenti sfidanta l-appellanti Anna Vassallo u tikkonferma d-deċiżjoni appellata.

___________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

___________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**